MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Numru 597/2000

Il-Pulizija
(Assistent Kummissarju Pierre Calleja)

vs

Frank Farrugia

-omissis-

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Frank Farrugia ta' karta ta' identita' numru 646544M, akkuzat:

Talli fid-29 ta' Lulju 2000 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. fil-Pieta’, mill-‘Provision Stores’ fl-Isptar San Luqa, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-gvern jew tal-privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti, jew hwejjeg mobbli, li kienu fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew seraqhom ghal vantagg privat tieghu – artikolu 127 tal-Kap 9;
2. talli fl-istess perjodu fil-Pieta’, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti tal-ikel mill-‘Provision Stores’ ta’ l-Isptar San Luqa, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1,000), lok u persuna u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta u bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kellu jissorvelja biex dan ir-reat ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;
3. –omissis-

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali (folio 137) li bih deherlu li setghat tinstab htija jew htijiet fl-imputat skond l-artikoli tal-ligi minnhu citati u ghalhekk ittrasmetta l-atti lil din il-Qorti sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni mill-imputat tiddeciedi dwar ir-reita’ jew le tal-imputat;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat:
- taht l-Artikolu 127 tal-Kap 9, li, bhala ufficjal pubbliku, ghamel uzu hazin jew seraq ghal xi vantagg privat tieghu minn flejjes tal-Gvern, jew tal-privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu – kif kien jaqra fid-data tal-allegat reat;

- taht l-Artikolu 261(c) tal-Kap 9, b'serq aggravat bil-valur li jeccedi €2329.37 u f'kull kaz aktar minn €232.94;
- taht l-Artikolu 280(1) tal-Kap-9, b'serq aggravat bil-valur b'piena li ggorr prigunerija bejn tlettax-il xahar u seba' snin li hi prekluza li tinghata fil-minimu taghha;
- taht l-Artikolu 141 tal-Kap 9 li jipprovdi awment fil-piena bi grad f'kaz ta' ufficjal jew impjegat pubbliku li jinstab ukoll hati talli jkun naqas li jissorvelja li r-reat ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi li r-reat jsir;
- taht l-Artikolu 334 tal-Kap 9 li jittratta r-ricettazzjoni;

dan kollu soggett ghall-Artiklu 31 [dwar skala fil-pieni]; 17(b) [dwar konkors ta' reati u ta' pieni]; 20 [dwar piena li m'ghandhiex tinghata fil-minimu]; 23 [dwar il-konfiska tal-'corpus delicti'] u 533 [dwar spejjez konnessi mal-hatra ta' esperti fil-proceduri].

Dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri hemm is-segwenti x'jinghad: fit-28 ta' Lulju 2000 kienet waslet informazzjoni anonima lill-pulizija tallega li kien qieghed jinsteraq xi xoghol mill-mahzen tal-provizjonijiet tal-Isptar San Luqa. Fuq din l-informazzjoni giet allestita sorveljanza min-naha tal-pulizija fuq il-mahzen u l-ghada d-29 ta' Lulju gie intercettat van bin-numru ta' registrazzjoni CAO-016 li fil-kaxxa tieghu nstabu kwantita' ta' provizzjonijiet li kienu suspettati li kienu ttiehdu mill-mahzen tal-provizjonijiet tal-isptar. Giet arrestata il-persuna ossija s-sewwieq tal-van li kien wahdu u kemm hu u l-van ittiehdu l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn tkomplew l-investigazzjonijiet. L-imputat odjern gie koinvolt fl-investigazzjoni qua l-persuna responsabbli ghall-mahzen tal-provizjonijiet tal-isptar. Mhux kontestat mill-imputat li huwa kellu, dak iz-zmien, il-kariga ta' 'Principal' fid-Dipartiment tas-Sahha fl-Isptar San Luqa, 'in charge' mill-istores tal-isptar. Sussegwentement, inbdew l-odjerni proceduri kemm kontra l-persuna li kienet fil-van, ossija Nazzareno Xerri, u kemm kontra l-imputat odjern. Fil-proceduri li ttiehdu kemm Xerri (is-sewwieq tal-van) u kemm l-imputat gew flimkien akkuzati b'serq. L-allura ko-akkuzat Xerri kien mill-bidu nett ammetta l-akkuzi li l-Avukat Generali tramite rinviju ghall-gudizzju datat 5 ta' Frar 2001 (folio 66) kien

hareg kontra tieghu u fil-fatt kien instab hati u kkundannat permezz ta’ sentenza tas-26 ta’ Novembru ta’ dik l-istess sena. Il-proceduri tkomplew kontra l-imputat odjern wahdu u fil-kors taghhom xehed l-imsemmi Nazzareno Xerri li kien hawnhekk assuma r-rwol ta’ xhud kompetenti.

Issa, l-imputat odjern innega sa mill-bidu nett l-akkuzi li eventwalment gie rinfaccjat bihom tramite r-rinviju ghall-gudizzju mahrug mill-Avukat Generali, precizament fl-10 ta’ April 2003, u huwa ghalhekk u fuq l-iskorta tal-artikoli tal-ligi skond tali rinviju li dina l-Qorti ser illum tiddecidi l-akkuzi kontra dan l-imputat ai termini tal-verbal taghha tal-21 ta’ Jannar 2010.

Illi appena hemm bzonn jinghad li fil-proceduri kriminali hi l-prosekuzzjoni li ghandha tipprova ‘l fuq minn kull dubbju dettat mir-raguni r-reita’ tal-imputat li min-naha tieghu hu bizzejjed li jipprova l-innocenza tieghu sal-grad tal-probabbli. Fil-kaz in ispecje ghalhekk din il-Qorti ghandha tara jekk mill-provi li resqet il-prosekuzzjoni gewx pruvati l-akkuzi, kollha jew f’parti minnhom, wara li tkun evalwat l-provi migjuba mill-imputat dwar jekk fuq bazi tal-probabbli gewx mitiffsa l-provi tal-prosekuzzjoni.

Illi f’dan il-kuntest il-Qorti sejra tezamina x’inhuma l-provi tal-prosekuzzjoni. Dawn jirrizultaw li jikkonsistu:
a. fil-prova tal-ko-akkuzat f’dak l-istadju li ma kellux impediment li jixhed kontra l-akkuzat odjern;
b. fil-prova tal-filmat li anka jekk anonimu jista’ talvolta jkollu piz bhala prova;
c. fil-prova tal-awditjar li sar tal-istock fil-mahzen;
d. fix-xhieda tal-pulizija li arresta lill-allura ko-akkuzat Xerri u li rrilaxxa l-ircevuta dwar l-kontenut li kien fih il-van.

Illi minn dawn il-provi jirrizultaw bhala fatti pruvati is-segwenti: (a) mit-tficcija li saret fil-van u t-tficcija sussegwenti li saret fil-hanut gestit mill-allura ko-imputat Xerri rrizultaw prodotti simili ghal dawk li kienu jinzammu

fl-istores tal-isptar; (b) mix-xhieda tal-awditur irrizulta li mill-provizjonijiet simili li nstabu fil-van u l-hanut kien hemm inqas bhala ‘stock’ minn dak indikat fuq il-legiju, f’zewg provizzjonijiet, cioe’ tigieg u gobon tal-marka ‘edam’; (c) mix-xhieda tal-filmat jidher l-imputat odjern u l-allura ko-imputat jghabbu xi affarijiet fil-van; (d) mix-xhieda tal-allura ko-akkuzat Xerri fil-waqt li ammetta li kien ha provizzjonijiet biex ibieghhom spjega li dan ghamlu bi ftehim mal-imputat u li r-rikavat mill-bejgh kien jinqasam kwantu ghal 25% ghalih u l-kumplament ghall-imputat; (e) mix-xhieda tal-pulizija rrizulta t-twaqqif tal-van qabel ma hareg mill-isptar, il-provizjonijiet li kellu moghbbija fih, il-prodotti simili li nstabu fih u dawk il-prodotti li gew elevati mill-hanut tal-imsemmi Xerri. Apparti dan gie pruvat (ghalkemm qatt ma kien kontestat) il-grad tal-imputat bhala ufficjal pubbliku abbinat mal-fatt li fil-jum tad-29 ta’ Lulju 2000 (gurnata tas-Sibt) kien xoghol sas-1:30 u hu biss kien prezenti fl-istore flimkien ma’ Xerri li kien ghamel l-konsenja ghal habta ta’12:30 p.m.

Illi, f’dan l-istadju ta’ dan il-gudikat tajjeb li jigi osservat: li mill-imputazzjonijiet li qieghed jiffaccja l-imputat, jekk jirrisuta r-reat lilu addebitat taht l-Artikolu 127 tal-Kap 9, cioè dak ta’ storn, jigu resi superfluwi, fis-sens li ma jkunx aktar ireggu, r-reati l-ohra lilu addebitati. Dan hu hekk billi r-reat ta’ storn jissopprimi kemm dak tas-serq u konsegwentement ta’ ricettazzjoni u jirrendi inapplikabbli l-aggravju ta’ ufficjal pubbliku u konsegwenti awment fil-piena gia’ ladarba din tinsab espressament provduta fl-imsemmi Artikolu 127. Tabilhaqq, imbaghad, fil-kaz odjern, jekk jissusisti xi reat kontra l-imputat jista’ ikun biss dak ta’ storn minhabba fil-kapacita’ tieghu ta’ principal tal-imhazen ta’ provizzjonijiet tal-allura Sptar San Luqa u l-allegat misfatt li ghal xi vantagg privat tieghu ghamel uzu hazin ta’ hwejjeg mobbli fdati lilu jew billi jisraqhom minhabba l-kariga tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku.

Intant, l-kaz kollu tal-prosekuzzjoni, fil-kaz prezenti, jistrieh kwazi fit-totalita’ tieghu fuq ix-xhieda ta’ l-allura ko-imputat Nazzareno Xerri.

Issa, wara l-emmenda ghall-Artikolu 639(3) tal-Kap 9 (applikabbli bid-dritt minnufih f'kull procediment billi ta' indole procedurali) m'hiex aktar mehtiega l-korroborazzjoni ta' xhieda tal-komplici, li pero', fit-termini tal-emmenda, giet resa applikabbli 'expressis lege' fi processi fejn jinstemghu quddiem il-gurati, b'daqstant li, fil-fehma tal-Qorti, fi proceduri fejn m'hemmx gurati, l-posizzjoni li ghandha tapplika hi allura dik imfissra fl-Artikolu 638(2) li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar.

Ikkonsidrat:

Illi l-problematika, fil-kaz in dizamina, hi li l-imputat meta xehed 'viva voce' quddiem din il-Qorti, apparti li innega sa mill-bidu nett kull involviment kriminali mal-komplici fl-operat tieghu qua responsabbli tal-imhazen tal-provizzjonijiet fl-Isptar San Luqa, offra spjegazzjoni li fic-cirkostanzi tassumi l-kwalita' tal-probabbli, filwaqt li verosimilment spjega li dak li kien qieghed jitpogga fil-van kienu provisjonijiet skaduti jew li kienu ser jiskadi z-zmien fuqhom. Issa, huwa veru li meta twaqqaf il-van instabu fih prodotti biss li taghhom kien hemm wkoll fil-mahzen tal-Isptar, izda min-naha l-ohra m'hemm xejn bhala provi li tmeri dak sostnut mill-imputat li kienu prodotti skaduti jew li ser jiskadu jew wkoll danneggjati. Fatt iehor li ghall-Qorti ma jsibx spjegazzjoni logika hu kif mill-awditajar li sar appena l-ghada tal-konsenja inkriminata u mill-'stock take' fiziku kondott mill-awditur tal-prodotti li nsabu fil-van u dak ezistenti fil-mahzen instab ammont anqas ta' stock fir-rigward il-gobon tal-marka 'Edam' – nieqes 14.3 kilogrammi – u f'tigieg – nieqes 173.2 kilogrammi u mill-bqija aktar 'stock' minn dak li suppost kien hemm. Idem fir-rigward it-tlett prodotti elevati mill-hanut/mahzen tal-allegat komplici.

Illi dan kollu jissarraf f'haga wahda u cioe' li din il-Qorti mhiex moralment konvinta li l-akkuzi gew ippruvati lill-hemm minn kull dubbju detatt mir-raguni u konsegwentement ghandha tipprevali l-probabbilita' tal-prova sostnuta mill-imputat.

Konsegwentement qeghdha tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------